MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tas-26 ta' Mejju, 2006

Appell Civili Numru. 259/1992/1

**Anthony Muscat**

**v.**

**Lawrence sive Lorry Cuschieri**

**Il-Qorti:**

## I. PRELIMINARI

1. Dan huwa appell minn sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-16 ta' Gunju 2003 li bis-sahha taghha intlaqghet it-talba ta' Anthony Muscat ("l-attur" u

issa "l-appellat") u kkundannat lil Lawrence sive Lorry Cuschieri ("il-konvenut" u issa "l-appellant") li jhallas lill-attur is-somma ta' elf mija u hamsa u erbghin Lira (Lm1,145) rapprezentanti in bilanc ta' ammont akbar pagabbli ghall-hlas ta' xoghol ta' rham li gie esegwit mill-attur fuq inkarigu tal-konvenut. Bl-istess sentenza giet michuda l-eccezzjoni tal-konvenut, li x-xoghol in kwistjoni ma kienx gie esegwit mill-attur skond l-arti u s-sengha u ghalhekk ebda pagament iehor ma kien dovut.

2. Is-sentenza ta' l-ewwel Qorti taqra hekk:

"**Il-Qorti;**

"Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-attur premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni;

"Premess illi l-konvenut huwa debitur ta' l-attur fl-ammont ta' elf, mija u hamsa u erbghin Liri Maltin (Lm1,145) rapprezentanti l-bilanc dovut minnu lill-attur ta' ammont akbar pagabbli ghal xoghol ta' rham li gie ezegwit mill-attur fuq inkarigu tal-konvenut;

"Premess illi l-kreditu hawn fuq imsemmi ta' l-attur huwa wiehed cert, likwidu u dovut, u fil-fehma ta' l-attur kif jidher ukoll skond l-affidavit hawn anness Dokument A il-konvenut ma ghandux eccezzjonijiet xi jaghti b'riferenza ghall-istess kreditu;

"Premess illi ghalkemm il-konvenut ipprometta, in segwitu ghal ittra interpellatorja datata 8 ta' Awissu, 1991 kif ukoll il-hrug ta' mandat ta' qbid kawtelatorju kontrih, li huwa sejjer jeffettwa l-pagament relativ pero` sallum baqa' inadempjenti;

"Talab ghalhekk l-attur lil din l-Onorabbli Qorti sabiex, ghar-ragunijiet premessi:-

"1. Tghaddi ghas-sentenza bid-dispensa tas-smiegh ai termini ta' l-Artikolu 167 tal-Kodici ta' Procedura Civili; u

"2. Tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attur is-somma ta' elf, mija u hamsa u erbghin Liri Maltin (Lm1,145) minnu dovut kif fuq spjegat;

"Bl-ispejjez, komprizi dawk ta' l-ittra legali datata 8 ta' Awissu 1991 u dawk tal-mandat ta' qbid numru 30/92, u bl-interessi legali b'effett mit-13 ta' Marzu, 1992 data li fiha qeghda tigi prezentata din ic-citazzjoni, kontra l-konvenut;

"Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess attur u l-lista tax-xhieda minnu indikati flimkien ma' l-elenku tad-dokumenti esebiti;

"Rat id-digriet tat-18 ta' Marzu 1992 li permezz tieghu l-Qorti awtorizzat lill-konvenut sabiex jipprezenta l-eccezzjonijiet tieghu;

"Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut illi permezz taghha huwa eccepixxa:-

"Illi l-bilanc mitlub mhux dovut minnu billi x-xoghol in kustjoni ma kienx gie esegwit mill-attur skond l-arti u s-sengha u ghalhekk l-ebda pagament iehor ma hu dovut;

"Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenut u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

"Rat id-digriet tat-3 ta' Gunju 1992 li permezz tieghu gie nominat bhala perit tekniku AIC Joseph Huntingford biex ifittex u jirrelata dwar il-fondatezza tad-domandi attrici, wara li jiehu konjizzjoni ta' l-eccezzjonijiet, u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-kaz;

"Rat ukoll id-digriet ta' l-10 ta' Novembru 1995 li bih gie nominat AIC Albert Fenech bhala perit tekniku u dan in sostituzzjoni tal-perit precedentement nominat li miet fil-mori tal-kawza;

"Rat ir-relazzjoni ta' l-imsemmi perit legali AIC Albert Fenech li tinsab a fol. 42 *et sequitur* tal-process u li giet minnu debitament konfermata fl-udjenza ta' l-20 ta' Mejju 1997;

“Rat it-traskrizzjoni tax-xhieda in eskussjoni tal-perit relatur;

“Rat it-traskrizzjoni tat-trattazzjoni maghmula mill-avukat difensur ta’ l-attur fl-udjenza tas-17 ta’ Novembru 1998; kif ukoll in-nota ta’ l-osservazzjonijiet tal-konvenut ipprezentata fit-12 ta’ Jannar 1999;

“Rat l-atti kollha tal-process;

“Ikkonsidrat:-

“Kif jirrizulta mill-atti, kontra t-talba attrici ghal hlas ta’ l-ammont bilancjali lilu dovut il-konvenut jiddefendi ruhu bl-unika eccezzjoni illi x-xoghol ma kienx esegwit skond l-arti u s-sengha mill-attur. Fuq din id-difiza l-konvenut kompla jsostni li allura ebda pagament ma hu dovut lill-attur;

“Wiehed necessarjament jifhem illi l-kontenzjoni tal-konvenut kienet artikolata fuq l-insenjament akkolt f’gurisprudenza kostanti li tirritjeni illi fejn jirrizulta li x-xoghol ma jkunx kompletat u sewwa, l-appaltatur ma jkollux dritt ghall-ebda parti mill-hlas. Dan fejn s’intendi d-difetti fil-lavorazzjoni ma jkunux lievi u jkunu jaffettwaw il-kwazi generalita` tax-xoghol intraprez. Ara fuq din it-tema, *inter alia,* id-decizjonijiet fl-ismijiet “**Carmelo Mallia –vs- Ivan John Fonk**”, Appell Civili, 24 ta’ Jannar 1975 u “**Salvu Guillaumier *et nomine* –vs- Anthony Borg Cardona**”, Appell Kummercjali, 1 ta’ Marzu 1988;

“Kif kien mistenni eccezzjoni bhal din kienet tinvolvi accertament tekniku. Verifika din li saret mill-espert nominat mill-Qorti u fejn dan eskluda l-kontenzjoni tal-konvenut li x-xoghol ma sarx skond l-arti u s-sengha. Eppure, imbaghad, il-perit tekniku ghadda biex jaghmel il-kostatazzjonijiet, u kummenti tieghu dwarhom, in referenza ghat-tip ta’ granit uzat. Ghalkemm ma jirrizultax b’mod esplicitu mill-provi jidher minn dak relatat f’paragrafu 18 tar-rapport pertali illi dan il-granit gie provvdut mill-istess attur ghalkemm maghzul mill-konvenut. Tali informazzjoni jidher li giet ottenuta mill-

perit tekniku waqt l-access mizmum minnu fit-12 ta’ Marzu 1996. Oltre dan hemm il-fatt illi skond paragrafu 9 kien l-attur li pprovvda lill-espert b’kampjun tal-granit li ntuza f’dan il-kaz;

“In sostanza l-espert tal-Qorti rrelata li:-

“I. il-kawza tat-tbajja riskontrata hija dovuta ghall-agenti kimici inerenti ghal komposizzjoni tal-granit kif ukoll ghall-agenti fisici minhabba esposizzjoni ghall-ilma tax-xita, nida u raxx tal-bahar;

“II. il-konkorrenza ta’ dawn l-agenti hija pruvata mill-fatt illi l-granit gie applikat u mqieghed f’tarag estern u mikxuf li jaghti ghall-fond ta’ bint il-konvenut;

“III. materjal bhal granit ghandu l-karatteristika li jvarja fil-komposizzjoni tieghu, ikangi, u hu suggett ghall-influwenzi minn fatturi ambjentali;

“IV. il-kambjament tal-granit, fejn anke joskura xi ftit, hu konsiderat bhala fattur tollerabbli, in kwantu t-“tbajja” jistghu ikunu transitorji u riversibbli;

“V. in konkluzjoni, mehuda in konsiderazzjoni l-fatturi kollha, cjoe il-komposizzjoni u l-proporzjoni ta’ l-ilma tax-xita, nida u raxx tal-bahar, xorta wahda, mil-lat purament estetiku, d- “difett” kellu jitqies bhala deprezzament. Wiehed logikament jifhem illi l-uzu mill-perit relatur ta’ din il-kelma – deprezzament – irid jinqara fis-sens tal-konsiderazzjoni minnu maghmul illi t-tbajja huma tollerabbli u allura d-“difett” ma kellux jitqies bhala wiehed essenzjali jew sostanzjali. Dan jispjega wkoll il-konkluzzjoni tieghu fejn issurggerixxa riduzzjoni fl-ammont reklamat;

“Issa, kif inhu wkoll pacifiku in tema ta’ dritt, “min jintraprendi xoghol simili ghandu jwiegeb ukoll ghal bonta` tal-materjal li minnu jaghmel uzu, imma r-responsabilita` tieghu f’dan ir-rigward, kif kellha okkazjoni tesprimi ruhha dina l-Qorti f’kaz ferm aktar gravi ta’ difett fi travi tal-hadid (Kollaz. **Vol. XXXIX P I p 442**), certament ma

tipprexxindix mid-debita indagini ta' htija, li mhix presunta imma jinhtiegilha tigi pruvata u li hija eskluza sew meta d-difett ikun dovut ghal forza magguri kemm meta jirrizultaw mehuda l-prekawzjonijiet soliti u adoperata d-diligenza ordinarja biex tigi assigurata l-bonta` tal-materjal." – "**Carmelo Borg –vs- Joseph Mifsud**", Appell Kummercjali, 7 ta' Ottubru 1980;

"Incidentalment f'dak il-kaz gie stabbilit ukoll illi d-difett ma kienx jikkonsisti fil-konfezzjoni tal-madum innifsu u lanqas fit-tqeghid tieghu u li anzi rrizultaw ezegwiti skond l-arti u s-sengha, izda fin-nuqqas ta' rezistenza tac-*chippings* fil-madum jew marmettone;

"Kif gie osservat mill-perit tekniku fil-kaz prezenti l-attur kien uza t-tip ta' granit adoperat ghall-bidu li beda jgibu u ghalhekk ma kienx jaf li dak it-tip ta' granit seta' joskura jew jittabba' jekk jintuza fuq barra (paragrafu 18 tar-rapport). Eppure, fil-parti konklussiva tar-relazzjoni, dejjem fil-fehma ta' l-istess espert, l-attur kellu jassigura ruhu, ghall-bzonn permezz ta' konsultazzjoni ma' geologista, li l-granit li juza fuq barra kellu jkun addattat ghall-ambjent fejn jintuza, u ghalhekk ghandu jitqies responsabbli ghall-parti mid-deprezzament;

"Din il-Qorti difficilment tifhem kif jista' jigi ritenut illi l-attur, ghax ma kkonsultax geologista, jista' jitqies fi htija ghas-semplici motiv li ghaldaqshekk biss jista' jigi ritenut li ma hax il-prekawzjoni mehtiega jew li kien negligenti. Dan, *multo magis*, imbaghad meta l-granit gie importat minn barra, u allura l-attur ma setax kellu xjenza, bid-diligenza ordinarja li ghandha tigi adoperata, dwar il-komposizzjoni interna tal-minerali fil-prodott;

"Huwa risaput, minn dak kaptat mid-decizjoni fl-ismijiet "**Neg. Antonio Tabone *nomine* –vs- Neg. Joseph Caruana**", Qorti tal-Kummerc, 29 ta' Novembru 1950, illi anke il-fatt tat-terz (f'dan il-kaz id-ditta speditrici tal-granit) jikkostitwixxi fortuwitu, meta dak il-patt kien barra l-possibilita` ragjonevoli ta' kontroll ta' min jinqeda b'dak il-materjal (f'dak il-kaz si trattava ta' fornitura ta' tunnellati ta' caghaq "*Messina shingle*");

"Wiehed, imbaghad, ragjonevolment jifhem, jew almenu ma jistax jigi accettat bhala plawsibbli, fic-cirkostanzi maghrufa tal-kummerc f'pajjizna, illi importatur, grossist jew dettaljatur ghandu joqghod jimpjega espert ghall-konsulta dwar l-addattabilita` tal-prodott minnu importat qabel ma jispaccjah fis-suq lokali. Dan ma jidhirx li hi l-konswetudini u allura, tabilhaqq, *contra factum non est argumentum*;

"Fil-fehma ta' din il-Qorti ma jidherx li l-attur kellu jigi rinfaccjat bin-nuqqas kif mir-rizultanzi peritali jirrizulta. Biex ikun hemm responsabilita` jinhtieg li jigi ppruvat xi att jew ommissjoni kolpuza u li tali att jew ommissjoni ghandhom konnessjoni ta' kawza u effett mad-"difett" riskontrat. L-attribuzzjoni tal-kolpozita ma ssirx minhabba s-semplici deduzzjoni illi l-attur ma hax il-briga jqabbad geologista. U, allura, fid-dawl tal-premess u tac-cirkostanzi kollha maghrufa, ma jidherx li dan ghandu jigi ritenut responsabbli tad-"difett" li eventwalment zviluppa fil-granit imqieghed fil-fond ta' bint l-attur;

"Il-Qorti, in bazi ghal konsiderazzjonijiet maghmula ma tistax taccetta l-konkluzjoni peritali dwar tnaqqis mill-ammont reklamat minhabba deprezzament. Hemm, imbaghad, raguni ohra. L-unika eccezzjoni li tressqet mill-konvenut kienet tikkoncerna biss u esklussivament il-fatt li x-xoghol tat-tqeghid ma sarx konformement ma' l-arti u s-sengha. Minn imkien ma jirrizulta illi l-konvenut illanja jew avvanza eccezzjoni formali dwar il-kwalita` tal-materjal jew tal-prodott, u allura l-Qorti strettament ma tistax tokkupa ruhha minn din il-possibbli eccezzjoni li ma gietx sollevata;

"Qabel ma tiddisponi minn din il-kawza l-Qorti tirrileva illi ghalkemm il-konvenut ressaq zewg noti ghan-nomina ta' periti addizzjonali (fol. 40 u fol. 52), u ghalkemm ukoll fir-rigward talab zmien biex jidderiegi ruhu ahjar (ara verbal tad-29 ta' Settembru 1997 a fol. 53), b'danakollu baqa' passiv u ma kompliex jinsisti fuq tali nomina. Anke jekk dan ma jghidux espressament, mill-perkors li segwiet il-kawza jidher li dan jista' jigi hekk dezunt in kwantu huwa

issokta 'l quddiem bl-eskussjoni (fol. 57), it-trattazzjoni (fol. 68) u n-Nota ta’ l-Osservazzjonijiet (fol. 70).

“Ghal dawn il-motivi;

“Taqta' u tiddeciedi l-kawza billi wara li tirrespingi l-eccezzjoni tal-konvenut, u wara wkoll li qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta’ l-ewwel talba, takkolji t-tieni domanda attrici billi tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta’ elf mija u hamsa u erbghin lira Maltija (Lm1145), bl-interessi mid-data tan-notifika tac-citazzjoni (17 ta’ Marzu 1992).

“L-ispejjez tal-kawza ghandhom jigu sopportati mill-konvenut.”

## II. L-APPELL

3. Billi l-konvenut hassu aggravat minn din is-sentenza huwa intavola appell minnha b’rikors ta’ l-appell ipprezentat fis-7 ta’ Lulju 2003. Ghar-ragunijiet li jispjega fih, huwa talab li din il-Qorti joghogobha tirrevoka s-sentenza appellata u ghalhekk tillibera lill-konvenut mit-talbiet kollha ta’ l-attur – bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess attur.

4. L-attur ikkontesta l-appell b’risposta pprezentata minnu fl-20 ta’ Awissu 2003. Fiha huwa wiegeb ghall-aggravji li ressaq l-appellant u sostna li s-sentenza appellata ghandha tigi konfermata minn din il-Qorti.

## III. KONSIDERAZZJONIJIET TA’ DIN IL-QORTI

5. L-aggravju ta’ l-appellant jikkonsisti, fi kliemu stess, fis-segwenti:
“Illi hawn si tratta ta’ kuntratt ta’ appalt fejn l-appaltatur forna materjal mhux idoneu ghall-uzu li kien intiz ghalih; dan il-fatt irrizulta ampjament mir-relazzjoni tal-perit tekniku tant li dan issuggerixxa temperament fil-pagament li kellu jsir u rriduca l-prezz in vista ta’ dan. It-tezi ta’ l-esponent hija li min jidhol f’kuntatt ta’ appalt u fornitura huwa intiz li huwa bniedem tas-sengha, u ghad-differenza ta’ dak li bir-rispett tikkumenta l-ewwel Onorabbli Qorti,

huwa obbligat li jkun jaf il-kwalita` u l-idonejita` tal-materjali li huwa jforni bih il-klijent. Certament mhux kompitu tal-klijent li jkun qieghed jistrieh fuq il-bniedem ma' min ikun ikkuntratta li jkun jaf affarijiet dwar l-idonejita` tal-materjal li jigi uzat. Ghalhekk ir-responsabbilita` kollha li jsir xoghol skond l-arti u s-sengha taqa' kompletament fuq il-konvenut inidpendentement minn xi forma ta' dolu jew htija. L-obbligazzjoni fil-kaz prezenti temergi mill-fatt kontrattwali u xejn izjed; fit-termini tal-kuntratt l-obbligu li jforni materjal adatt ghall-uzu jaqa' fuq minn jobbliga ruhu li jaghmel hekk. Il-kwistjoni tax-xjenza ta' min ikun qieghed iforni l-materjal jew ta' l-attenzjoni minnu wzata hija ghalhekk ghal kollox immaterjali. Intant l-eccezzjoni li x-xoghol ma giex esegwit skond l-arti u s-sengha tikkomprendi wkoll in-nuqqas ta' fornitura ta' materjal tajjeb; certament minn ma jfornix matrejal tajjeb ma jkun esegwixxa x-xoghol skond l-arti u s-sengha. Kien ikun differenti l-kaz fejn il-principal jixtri l-materjal hu u jaghddih lill-appaltatur biex jahdmu, allavolja anke hemm l-appaltatur jibqghalu l-obbligu li jara li x-xoghol ikun jista' jsir sew u li ghalhekk il-materjal lilu fornit huwa idoneu. Pero` fil-kaz prezenti l-attur forna sija l-materjal kemm it-tqeghid tieghu. Ghalhekk indubjament ir-responsabbilita` kienet intermanet ta' l-attur indipendentement minn kull kwistjoni ta' htija jew negligenza. L-esponent jissottometti bir-rispett li min jikkuntratta biex jesgwixxi xoghol jiehu r-responsabbilita` sija tax-xoghol kemm ta' l-idonejita` tal-materjal minnu fornit. Mhux argument li l-attur ma kien jaf bil-kwalita` tal-madum mil-liema qieghed isir l-ilment, ghaliex kien obbligu tieghu li jara li jkun jaf la darba ikkuntratta li jaghmel dak ix-xoghol."

6. L-appellat irrisponda hekk:

"i. Kif tajjeb irrilevat l-ewwel Onorabbli Qorti, l-eccezzjoni li giet moghtija fil-kawza mill-appellant tghid illi x-xoghol relativ ma giex ezegwit skond l-arti u s-sengha u l-istess appellant ma jistax jikkonfondi llum il-kwistjoni tal-fornitura tal-materjal ma' dik ta' l-ezekuzzjoni tax-xoghol. L-appellant lanqas ma talab, li kellu jigi ritenut illi l-konkluzjoni peritali hi wahda <u>legalment</u> sostenibbli, illi jigi <u>ammess jeccepixxi ulterjorment</u> in-nuqqas ta' fornitura ta'

materjal "idoneju ghall-uzu li kien intiz ghalih", fid-dawl ta' l-imsemmija konkluzjoni peritali.

ii. Li kien il-kaz illi l-eccezzjoni ta' l-appellant tikkomprendi n-nuqqas ta' fornitura ta' materjal tajjeb, tibqa' mhux sostenibbli s-sottomissjoni ta' l-appellant fis-sens illi "l-obbligazzjoni fil-kaz prezenti temergi mill-fatt kontrattwali u xejn izjed". Infatti l-appellant jikkontradici lilu nnifsu: jghid illi l-kwistjoni tax-xjenza ta' min ikun qieghed iforni l-materjal jew ta' l-attenzjoni minnu uzata hija ghal kollox immaterjali pero` jghid ukoll illi "min iforni l-materjal ghandu jara li jkun jaf la darba kkuntratta li jaghmel dak ix-xoghol". Hu pacifiku li l-obbligazzjonijiet kontrattwali ma jissussistux fl-astratt u li biex jigi stabilit fil-kaz li jkun hekk l-obbligazzjoni partikolari tkunx giet ezegwita o meno jrid necessarjament jitqies x'forma ta' responsabbilita` kienet tinkombi fuq min kellu jezegwixxi l-obbligazzjoni. Hu precizament dan il-punt li gie indirizzat fis-sentenza appellata, li ghaliha qed issir umili riferenza u li timmerita konferma."

7. Jirrizulta li l-konvenut inkariga lill-attur li jesegwilu xoghol ta' tqeghid ta' granit fi proprjeta` tieghu f'Bugibba. Ix-xoghol li sar mill-attur fuq in-naha ta' gewwa kien sodisfacenti u l-attur thallas ghall-istess xoghol. Madanakollu, x-xoghol li sar fuq it-tarag ta' barra, u li jigi preciz quddiem l-entratura tad-dar in kwistjoni, ma kienx sodisfacenti ghall-appellant ghaliex wara ftit ta' zmien zviluppaw tbajja fil-granit, li naturalment kienu koroh mil-lat estetiku. Jidher li l-parti l-kbira tas-somma pretiza mill-attur fic-citazzjoni odjerna tikkoncerna ezattament dan ix-xoghol li sar fuq barra. Il-konvenut m'huwiex qieghed jikkontesta *per se*` l-ammont mitlub mill-attur, izda l-kontestazzjoni tieghu hija fis-sens li l-bilanc mitlub m'huwiex dovut billi x-xoghol in kwistjoni ma kienx gie esegwit mill-attur skond l-arti u s-sengha u ghalhekk l-ebda pagament iehor ma huwa dovut.

8. Ma hux kontestat mill-attur li l-granit li tpogga minnu fuq it-tarag ta' barra effettivament zviluppa t-tbajja. Jirrizulta li kien hemm zewg tbajja kbar li huma ta' kejl ta'

cirka zewg piedi u tmien pulzieri bi tmien piedi u tliet pulzieri u nofs.

9. Il-Perit Tekniku, inkarigat mill-ewwel Qorti, l-A.I.C. Albert Fenech, irrelata li ma kienx il-kaz li t-tqeghid tal-granit ma sarx skond l-arti u s-sengha. It-tbajja in kwistjoni zviluppaw minhabba li t-tip ta’ granit uzat mill-attur ma kienx idoneju biex jintuza f’certi ambjenti cioe` fuq barra fejn kien espost ghax-xita u nida, flimkien ma’ raxx tal-bahar li jingarr mir-rih. Il-Perit irrelata li din l-umdita` tepperkola mill-fili ghal taht il-granit li b’hekk jinzamm fi stat umdu u jsir suxxettibbli biex jiskura f’xi parti u b’hekk jittabba.

10. Jirrizulta mill-fol. 50 tal-process li l-attur kien indika lill-Perit Tekniku waqt l-access li l-attur kien uza dan it-tip ta’ granit ghall-bidu li beda jgibu, u ghalhekk ma kienx jaf li dak it-tip ta’ granit seta’ jiskura jew jittabba jekk jintuza fuq barra. Kien f’postu l-kumment tal-Perit Tekniku li ovvjament, wisq anqas, kien jaf b’din il-possibbilta` l-konvenut.

11. Il-Perit Tekniku rrelata wkoll li t-tbajja in kwistjoni huma tollerrabbli ghax huma inerenti ghall-vari tipi ta’ granit uzat fuq barra. Madanakollu, dawn it-tbajja kienu jipprezentaw aspett negattiv mil-lat estetiku ghal min, bhall-konvenut, ma jaccettax il-varjazzjoni kbira fil-materjal uzat fil-kostruzzjoni. Il-Perit Tekniku rrelata li dawn it-tbajja ma jikkostitwixxux verament difett li jiggustifika t-tibdil tal-paviment kollu b’tip ta’ granit iehor, izda, fil-fehma tieghu, dawn it-tbajja kienu jikkostitwixxu deprezzament. Il-Perit irrelata wkoll li l-attur kellu jassigura ruhu li l-granit li juza fuq in-naha ta’ barra kellu jkun adatt ghall-ambjent fejn kien sejjer jintuza. Ghalhekk, huwa rritjena lill-attur kien in parti responsabbli ghall-imsemmi deprezzament. Il-Perit Tekniku ivvaluta dan id-deprezzament fis-somma ta’ tliet mitt lira (Lm300) u ghalhekk irrakkomanda tnaqqis fl-ammont mitlub mill-attur bl-istess somma ta’ tliet mitt lira (Lm300).

12. Jirrizulta mill-eskussjoni li saret tal-Perit, ezattament minn dik il-parti li tinstab a fol. 63 tal-process, li huwa kien

irrakkomanda li l-attur jinstab responsabbli ghad-deprezzament in kwistjoni ghaliex ma kienx irrizulta li l-konvenut kien avzat li l-granit li jitqieghed fuq barra jista' jibdel il-kulur jew li jista' jittebghalu.

13. Kif rajna mis-sentenza riprodotta aktar qabel, l-ewwel Qorti ma qablitx mal-Perit Tekniku li l-attur kellu jinzamm responsabbli ghad-deprezzament kawzat mit-tbajja in kwistjoni. L-ewwel Qorti bazikament irritjeniet li l-attur ma kellu l-ebda obbligu li jassigura ruhu li l-granit kien idoneju biex jitpogga fuq barra, specjalment meta kien qieghed juza dan it-tip ta' granit ghall-ewwel darba. Irriteniet li l-attur certament ma kellu ebda obbligu li jqabbad gejologista biex jistabbilixxi li l-granit seta' jintuza fuq barra.

14. Bir-rispett kollu, din il-Qorti ma tistax tikkondividi dan il-pronunzjament ta' l-ewwel Qorti. Min jidhol biex jesegwixxi appalt irid jaghmel tajjeb anke ghall-bonta` tal-materjal li jforni, inkluz li dan il-materjal ikun idoneju ghall-iskop li ghalih sejjer jintuza. Fil-kaz odjern, jekk l-attur ma kienx jaf jekk il-granit in kwistjoni kienx tajjeb jew le biex jintuza fuq barra, <u>l-anqas li seta' jaghmel kien</u>, li jinforma lill-appellant b'dan, biex b'hekk l-istess appellant ikun jista' jirregola ruhu. Li kieku l-appellant kien hekk avzat, huwa seta' jew jaccetta li jiehu fuq spallejh ir-riskju li setghu jitfaccaw eventwalment xi tbajja, jew seta' jara jekk kienx il-kaz li jibdel it-tip ta' materjal maghzul minnu. Seta' minflok jara jsibx xi granit ta' tip iehor li jkun idoneju li jintuza fuq barra jew xi irham iehor maghruf bhala li hu tajjeb ghal barra bhalma huwa it-trevertin (ara x-xhieda tal-Perit Tekniku a fol. 62 u 63 tal-process). Fil-fehma tal-Qorti, l-attur appellat, <u>bhala marmista tas-sengha</u>, ma kellux bzonn il-parir ta' gejologista biex jinfurmah li certi tipi ta' granit jittebbghu jekk jitpoggew fuq barra fejn ikunu esposti ghall-elementi. Huwa proprju ghalhekk li din il-Qorti tirritjeni li l-anqas li seta' jaghmel l-attur kien li jekk ma kienx jaf ezattament xi proprjetajiet ghandu l-granit li kien ghadu kif importa minn barra, almenu kellu javza b'dan il-fatt lill-konvenut appellant u b'hekk jiftahlu ghajnejh ghall-possibbilita` li l-granit jittabba. B'hekk, il-konvenut appellant – li presumibilment jifhem ferm u ferm

anqas fil-granit mill-attur appellat kien – jitpogga f'sitwazzjoni fejn seta' jirregola ruhu ferm ahjar.

15. Fil-fehma tal-Qorti l-eccezzjoni kif impostaha il-konvenut tikkomprendi wkoll id-difiza tan-nuqqas ta' fornitura ta' materjal idoneju ghall-post partikolari fejn jitpogga. Dan ghaliex l-esekuzzjoni ta' appalt skond l-arti u s-sengha neccessarjament tinkludi d-dover li min iforni l-materjal li se jintuza fl-appalt, iforni dejjem materjal li jkun addattat u idoneju ghall-post li fih sejjer jitpogga.

16. Fil-fehma ta' din il-Qorti l-eccezzjoni tal-konvenut appellant ghandha tintlaqa', pero` mhux kollha kemm hi ghaliex certament m'huwiex il-kaz li l-appellant ma jhallas xejn ghall-appalt esegwit mill-appellat. Jirrizulta mir-rapport tekniku li t-tbajja in kwistjoni huma tollerrabbli u ghalhekk tajjeb irrelata l-Perit Tekniku li mhux il-kaz li x-xoghol kollu jinqala' u jitpogga materjal gdid ta' tip iehor. Effettivament ma rrizultax li, wara dawn is-snin kollha – il-kawza ilha pendenti erbatax (14)-il sena – l-appellant qala' u rrinpjazza l-granit in kwistjoni u ghalhekk, anke minn dan il-lat, jidher li l-konvenut appellant jista' jigi ritenut li kien jikkonsidra l-granit bhala tollerrabbli fl-istess attwali tieghu. Ghalhekk, f'dawn ic-cirkostanzi din il-Qorti jidhrilha li r-rakkommandazzjoni tal-Perit Tekniku li titnaqqas is-somma ta' tliet mitt lira (Lm300) mill-ammont mitlub mill-attur ghal deprezzament tal-granit in kwistjoni huwa suggeriment gust u ekwu, li din il-Qorti sejra taddottah. B'hekk, l-attur appellat ghandu d-dritt ghas-somma ta' tmien mija u hamsa u erbghin lira (Lm845) u mhux ghas-somma mitluba minnu fl-att tac-citazzjoni cioe` s-somma ta' elf mija u hamsa u erbghin lira (Lml,145).

Ghal dawn il-motivi:

Tilqa' in parte u fis-sens premess biss, kemm l-eccezzjoni tal-konvenut kif ukoll, bl-istess mod, l-appell intavolat minnu u ghalhekk prevja li tirrevoka s-sentenza appellata, tikkundanna lill-konvenut li jhallas lill-attur is-somma ta' tmien mija u hamsa u erbghin lira (Lm845), bl-imghax legali mid-data ta' meta l-A.I.C. Albert Fenech halef ir-rapport tieghu – cioe` l-20 ta' Mejju 1997 (ara fol. 41).

l-ispejjez kollha tal-kawza, u ghalhekk kemm ta' l-ewwel istanza kif ukoll ta' din it-tieni stanza, ghandhom jithallsu rispettivament kwantu ghal erbgha u sebghin fil-mija ($^{74}/_{100}$) mill-konvenut appellant u kwantu ghar-rimanenti sitta u ghoxrin fil-mija ($^{26}/_{100}$) mill-attur appellat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------